Ġabra tal-ġurisprudenza

DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

15 ta’ Frar 2023*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Politika tal-immigrazzjoni – Ritorn taċ-ċittadini ta’ pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment – Direttiva 2008/115/KE – Artikolu 5(a) u (b) – Deċiżjoni ta’ ritorn adottata fir-rigward ta’ ċittadin ta’ pajjiż terz – Ċittadin minuri ta’ pajjiż terz isseparat mill-ġenituri tiegħu fil-każ ta’ ritorn – Interessi superjuri tal-wild – Dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja”

Fil-Kawża C-484/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja), permezz ta’ deċiżjoni tat-8 ta’ Ġunju 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta’ Lulju 2022, fil-proċedura

**Bundesrepublik Deutschland**

vs

GS, irrappreżentat mill-ġenituri tiegħu,

fil-preżenza ta’:

**Vertreterin des Bundesinteresses beim Bundesverwaltungsgericht,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn M. Safjan (Relatur), President tal-Awla, N. Jääskinen u M. Gavalec, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema’ l-Avukat Ġenerali, li taqta’ l-kawża permezz ta’ digriet motivat, skont l-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

## Digriet

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(a) u (b) tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, il-Bundesrepublik Deutschland (ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja), u, min-naħa l-oħra, GS, wild minuri rrappreżentat mill-ġenituri tiegħu, dwar, b'mod partikolari, l-ordni ta' tluq mit-territorju taħt piena ta' tneħħija li l-Bundesamt für Migration und Flüchtlinge (l-Uffiċċju Federali tal-Migrazzjoni u tar-Refuġjati, il-Ġermanja) (iktar 'il quddiem l-"Uffiċċju") adotta fil-konfront tal-imsemmi wild.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), tipprovdi, fl-Artikolu 7 tagħha, bit-titolu "Ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja":

"Kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha, ta' darha u tal-kommunikazzjonijiet tagħha."

4 Skont l-Artikolu 24 tal-Karta, bit-titolu "Id-drittijiet tat-tfal":

"[...]

2. Fl-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi jew minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interess tat-tfal għandu jkun kunsiderazzjoni primarja.

3. It-tfal kollha għandhom id-dritt li jkollhom, regolarment, relazzjoni personali u kuntatt dirett maż-żewġ ġenituri, sakemm dan ma jkunx kontra l-interessi tat-tfal."

#### *Id-Direttiva 2008/115*

5 Skont l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2008/115, din id-direttiva "tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fit-territorju ta' Stat Membru".

6 Skont l-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, bit-titolu "Definizzjonijiet":

"(1) 'ċittadin ta' pajjiż terz' tfisser kwalunkwe persuna li m'hijiex ċittadin ta' l-Unjoni Ewropea fis-sens ta' l-Artikolu [9 TUE] u li m'hijiex persuna li tgawdi d-dritt tal-moviment liberu Komunitarju, kif definit fl-Artikolu 2(5) [tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU 2006, L 105, p. 1)];

(2) ‘soġġorn illegali’ tfisser il-preżenza fit-territorju ta’ Stat Membru, ta’ ċittadin ta’ pajjiż terz li ma jissodisfax, jew m’għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet ta’ dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen jew kondizzjonijiet oħrajn għal dħul, soġġorn jew residenza f’dak l-Istat Membru;

(3) ‘ritorn’ tfisser il-proċess tat-tluq lura ta’ ċittadin ta’ pajjiż terz - kemm jekk b’konformità volontarja ma’ obbligu ta’ ritorn kif ukoll jekk infurzat - għal:

– il-pajjiż ta’ oriġini tiegħu jew tagħha, jew

– pajjiż ta’ transitu skond ftehim ta’ riammissjoni Komunitarja jew bilaterali jew arranġamenti oħra, jew

– pajjiż terz ieħor, li għalih iċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat volontarjament jiddeċiedi li jirritorna u li fih hu jew hi ser jiġi aċċettat;

(4) ‘deċiżjoni ta’ ritorn’ tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju, li jgħid jew jiddikjara li s-soġġorn ta’ ċittadin ta’ pajjiż terz hija illegali u li jimponi jew jiddikjara l-obbligu ta’ ritorn;

(5) ‘tneħħija’ tfisser l-infurzar ta’ l-obbligu ta’ ritorn, jiġifieri ttrasport fiżiku barra mill-Istat Membru;

[…]

(8) ‘tluq volontarju’ tfisser konformità ma’ l-obbligu ta’ ritorn fi żmien l-iskadenza ffissata għal dak l-iskop fid-deċiżjoni ta’ ritorn;

[…]”

7 L-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva, bit-titolu “Non-refoulement, l-aħjar interessi tat-tfal, il-ħajja tal-familja u l-istat tas-saħħa”, jipprovdi:

“Fl-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont dovut ta’:

(a) l-aħjar interessi tat-tfal,

(b) il-ħajja familjari,

(c) l-istat tas-saħħa taċ-ċittadin ta’ pajjiż terz konċernat u,

jirrispettaw il-prinċipju ta’ non-refoulement.”

***Id-dritt Ġermaniż***

*Il-Liġi dwar ir-Residenza taċ-Ċittadini Barranin*

8 Il-Gesetz über den Aufenthalt, die Erwerbstätigkeit und die Integration von Ausländern im Bundesgebiet (il-Liġi dwar ir-Residenza, ix-Xogħol u l-Integrazzjoni taċ-Ċittadini Barranin fit-Territorju Federali) tat-30 ta' Lulju 2004 (BGBl. 2004 I, p. 1950), fil-verżjoni tagħha applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (BGBl. 2017 I, p. 2780) (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar ir-Residenza taċ-Ċittadini Barranin"), tinkludi l-Artikolu 59, bit-titolu "Ordni ta' tluq mit-territorju taħt piena ta' tneħħija", li jipprovdi:

"1. It-tneħħija għandha tiġi ppreċeduta minn ordni ta' tluq mit-territorju taħt piena ta' tneħħija li tistabbilixxi terminu raġonevoli għat-tluq volontarju ta' bejn sebat ijiem u 30 jum. [...]

2. L-ordni ta' tluq mit-territorju taħt piena ta' tneħħija għandha tindika l-Istat li lejh iċ-ċittadin barrani jitneħħa u għandha tippreċiża li huwa jista' wkoll jitneħħa lejn Stat ieħor li fit-territorju tiegħu huwa awtorizzat jidħol jew li għandu l-obbligu li jaċċettah [...]

3. L-eżistenza ta' projbizzjonijiet ta' tneħħija u ta' raġunijiet għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tat-tneħħija ma tipprekludix l-adozzjoni ta' ordni ta' tluq mit-territorju. [...]

4. Meta l-ordni ta' tluq mit-territorju ma tkunx iktar suġġetta għal appell, iċ-ċirkustanzi li jkunu jipprekludu tneħħija lejn l-Istat indikat f'[din l-ordni] u li jkunu seħħew qabel ma [l-imsemmija ordni] ma kinitx għadha tista' tiġi appellata, ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni f'deċiżjonijiet sussegwenti tad-Dipartiment taċ-Ċittadini Barranin dwar it-tneħħija jew is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tat-tneħħija; ċirkustanzi oħra invokati miċ-ċittadin barrani, li jkunu jimpedixxu t-tneħħija lejn dan l-Istat jistgħu ma jittieħdux inkunsiderazzjoni. Id-dispożizzjonijiet li jippermettu liċ-ċittadin barrani jinvoka quddiem qorti iċ-ċirkustanzi msemmija fl-ewwel sentenza, f'rikors fuq il-mertu jew f'talba għal miżuri provviżorji, b'mod konformi [mal-]Verwaltungsgerichtsordnung (ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qrati Amministrattivi), għandhom jibqgħu l-istess."

9 L-Artikolu 60a tal-Liġi dwar ir-Residenza taċ-Ċittadini Barranin, bit-titolu "Sospensjoni provviżorja tat-tneħħija (Tolleranza)", jipprevedi, fil-paragrafi (2) sa (5) tiegħu:

"2. It-tneħħija taċ-ċittadin barrani għandha tkun sospiża għaż-żmien li din it-tneħħija ma tkunx possibbli minħabba raġunijiet ta' fatt u ta' liġi u ma jkun ingħatalu l-ebda permess ta' residenza temporanja. [...]

[...]

3. Is-sospensjoni tat-tneħħija taċ-ċittadin barrani hija bla ħsara għall-obbligu tiegħu li jitlaq mit-territorju.

4. Iċ-ċittadin barrani li jkun ibbenefika mis-sospensjoni tat-tneħħija għandu jinħariġlu ċertifikat.

5. Is-sospensjoni tat-tneħħija tintemm fid-data li fiha ċ-ċittadin barrani jitlaq mit-territorju. [...]"

*Il-Liġi dwar id-Dritt għall-Ażil*

10 L-Artikolu 34 tal-Asylgesetz (il-Liġi dwar id-Dritt għall-Ażil) (BGBl. 2008 I, p. 1798), fil-verżjoni tagħha applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (BGBl. 2013 I, p. 3474), jipprevedi:

"1. B'mod konformi mal-Artikoli 59 u 60(10) tal-[Liġi dwar ir-Residenza taċ-Ċittadini Barranin], ordni bil-miktub ta' tluq mit-territorju għandha tiġi adottata meta

1. iċ-ċittadin barrani ma jkunx irrikonoxxut bħala intitolat għad-dritt għall-ażil,

2. iċ-ċittadin barrani ma jingħatax l-istatus ta' refuġjat,

2a. iċ-ċittadin barrani ma jingħatax protezzjoni sussidjarja,

3. il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 60(5) u (7) tal-[Liġi dwar ir-Residenza taċ-Ċittadini Barranin] ma jkunux issodisfatti jew it-tneħħija tkun eċċezzjonalment awtorizzata minkejja li l-kundizzjonijiet tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 60(7) tal-[Liġi dwar ir-Residenza taċ-Ċittadini Barranin] ikunu ssodisfatti, u

4. iċ-ċittadin barrani ma jkollux permess ta' residenza.

Is-smigħ taċ-ċittadin barrani qabel ma tiġi ordnata t-tneħħija ma huwiex neċessarju. Barra minn hekk, id-Dipartiment taċ-Ċittadini Barranin jibqa' kompetenti sabiex jadotta deċiżjonijiet skont ir-raba' sentenza tal-Artikolu 59(1) u skont l-Artikolu 59(6) tal-[Liġi dwar ir-Residenza taċ-Ċittadini Barranin].

2. L-ordni ta' tluq mit-territorju għandha tiġi mehmuża mad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-ażil. […]"

*Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qrati Amministrattivi*

11 L-Artikolu 123 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qrati Amministrattivi, fil-verżjoni tagħhom applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali, jipprevedi, b'mod ġenerali, li l-qrati jistgħu, fuq talba tal-persuna kkonċernata u indipendentement mill-preżentata ta' rikors fuq il-mertu, jordnaw miżuri provviżorji.

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

12 Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali, imwieled fil-Ġermanja f'Diċembru 2018, huwa ċittadin tar-Repubblika Federali tan-Niġerja, bħall-ġenituri tiegħu u bħall-ħutu.

13 Permezz ta' deċiżjonijiet, rispettivament, ta' Marzu 2017 u ta' Marzu 2018, l-Uffiċċju ddeċieda li missier ir-rikorrent fil-kawża prinċipali u waħda minn ħutu, imwielda fl-2014, ma setgħux ikunu s-suġġett ta' tneħħija lejn in-Niġerja. F'dan ir-rigward, huwa qies li l-kundizzjonijiet għal projbizzjoni ta' tneħħija, hekk kif previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, kienu ssodisfatti fir-rigward ta' dak il-pajjiż, minħabba li, kieku kellu jitneħħa lejn dak il-pajjiż, missier ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ma jkunx jista' jwettaq l-obbligi ta' manteniment tiegħu fir-rigward tal-ġenituri tiegħu, tal-konjuġi tiegħu u tal-uliedu. Permezz ta' deċiżjonijiet, rispettivament, ta'

Frar u ta' April 2018, l-awtorità kompetenti tat lill-missier ir-rikorrent fil-kawża prinċipali u lil oħtu permess ta' residenza għal raġunijiet umanitarji, skont ir-regoli nazzjonali applikabbli fil-qasam ta' projbizzjoni ta' tneħħija.

14 Għall-kuntrarju, l-applikazzjonijiet għall-ażil ta' omm ir-rikorrent fil-kawża prinċipali u ta' oħtu oħra, imwielda fl-2016, ġew miċħuda bħala manifestament infondati. Ir-residenza tagħhom fil-Ġermanja hija madankollu ttollerata.

15 Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Ġunju 2019, l-Uffiċċju, minn naħa, ċaħad l-applikazzjoni tar-rikorrent fil-kawża prinċipali intiża li jingħatawlu l-istatus ta' refuġjat, l-ażil jew protezzjoni sussidjarja, u, min-naħa l-oħra, adotta, fir-rigward tiegħu, ordni ta' tluq mit-territorju taħt piena ta' tneħħija lejn in-Niġerja, filwaqt li tah terminu ta' 30 jum għal tluq volontarju (iktar 'il quddiem l-"ordni ta' tluq mit-territorju").

16 Adita b'rikors kontra din id-deċiżjoni, il-Verwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva, il-Ġermanja), permezz ta' sentenza tas-7 ta' Ġunju 2021, ċaħdet il-parti l-kbira tat-talbiet tar-rikorrent fil-kawża prinċipali. Hija madankollu annullat l-ordni ta' tluq mit-territorju maħruġa fir-rigward tiegħu, minħabba li t-tneħħija ta' dan tal-aħħar tkun tmur kontra d-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja, stabbilit kemm fil-Kostituzzjoni Ġermaniża kif ukoll fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, fid-dawl tal-projbizzjonijiet ta' tneħħija li minnhom kienu bbenefikaw missieru u waħda minn ħutu, peress li s-separazzjoni tar-rikorrent fil-kawża prinċipali u ta' missieru ma setgħetx tiġi meħtieġa.

17 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ppreżentat, quddiem il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja), li hija l-qorti tar-rinviju, rikors għal reviżjoni limitat għall-kwistjonijiet ta' liġi kontra s-sentenza tal-Verwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva), sa fejn din tal-aħħar kienet annullat l-ordni ta' tluq mit-territorju.

18 Insostenn tar-rikors għal reviżjoni tagħha, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni, essenzjalment, li r-raġunijiet li jipprekludu t-tneħħija ta' persuna u li huma relatati mal-interessi superjuri tal-wild u mar-rispett tal-ħajja tal-familja tiegħu, imsemmija fl-Artikolu 5(a) u (b) tad-Direttiva 2008/115, ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-proċedura li twassal għall-adozzjoni ta' ordni ta' tluq mit-territorju, li taqa' taħt il-kompetenza tal-Uffiċċju. Fil-fehma tagħha, tali raġunijiet jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni biss fil-kuntest ta' proċedura distinta u sussegwenti intiża għall-eżekuzzjoni tat-tneħħija, li taqa' taħt il-kompetenza ta' awtoritajiet oħra, jiġifieri id-dipartimenti reġjonali taċ-ċittadini barranin.

19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Il-punti (a) u (b) tal-ewwel parti tal-Artikolu 5 tad-Direttiva [2008/115], għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn iċaħħdu assolutament minn kull legalità deċiżjoni ta' ritorn kontra ċittadin minuri ta' [pajjiż] terz adottata flimkien maċ-ċaħda tal-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali u li tistabbilixxi terminu għat-tluq volontarju ta' tletin jum minn meta d-deċiżjoni ssir finali, meta minħabba raġunijiet legali u għal żmien indeterminat, l-ebda wieħed mill-ġenituri ma jista' jiġi rritornat lejn il-pajjiż partikolari msemmi fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2008/115, u li konsegwentement wieħed ma jistax jeżiġi mill-minorenni li jitlaq mill-Istat Membru minħabba r-rabtiet tiegħu tal-familja li huma denji ta' protezzjoni (Artikolu 7 u

Artikolu 24(2) tal-[Karta], Artikolu 8 tal-[Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali]), jew huwa suffiċjenti li l-aħjar interessi tal-minuri u r-rabtiet tal-familja, fis-sens tal-punti (a) u (b) tal-ewwel parti tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 ikollhom jittieħdu inkunsiderazzjoni abbażi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn permezz ta' sospensjoni tat-tneħħija?"

**Fuq id-domanda preliminari**

20 Skont l-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta r-risposta għal domanda preliminari tkun tista' tiġi dedotta b'mod ċar mill-ġurisprudenza jew meta r-risposta għad-domanda preliminari magħmula ma tkun tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin, fuq proposta tal-Imħallef Relatur, wara li jkun instema' l-Avukat Ġenerali, tagħżel li tiddeċiedi permezz ta' digriet motivat.

21 Hemm lok li din id-dispożizzjoni tiġi applikata fil-kuntest ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

22 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5(a) u (b) tad-Direttiva 2008/115 għandux jiġi interpretat fis-sens li jeżiġi li l-interessi superjuri tal-wild u l-ħajja tal-familja tiegħu jkunu protetti fil-kuntest ta' proċedura li twassal għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn mogħtija fir-rigward ta' minuri jew jekk huwiex biżżejjed li dan tal-aħħar ikun jista' jinvoka utilment dawn iż-żewġ interessi protetti fil-kuntest ta' proċedura, sussegwenti, relatata mal-eżekuzzjoni forzata tal-imsemmija deċiżjoni ta' ritorn sabiex jikseb, jekk ikun il-każ, sospensjoni ta' din l-eżekuzzjoni.

23 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fid-dawl tal-għan tiegħu li jiggarantixxi, fil-kuntest tal-proċedura ta' ritorn stabbilita minn din id-direttiva, ir-rispett ta' diversi drittijiet fundamentali, fosthom id-drittijiet fundamentali tal-wild, kif stabbiliti fl-Artikolu 24 tal-Karta, l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 ma jistax jiġi interpretat b'mod restrittiv (sentenza tal-11 ta' Marzu 2021, État belge (Ritorn tal-ġenitur ta' minuri), C-112/20, EU:C:2021:197, punt 35).

24 Għaldaqstant, l-Artikolu 5(a) tad-Direttiva 2008/115 u l-Artikolu 24(2) tal-Karta jeħtieġu l-protezzjoni tal-interessi superjuri tal-wild fl-istadji kollha tal-proċedura (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Jannar 2021, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Ritorn ta' minuri mhux akkumpanjat), C-441/19, EU:C:2021:9, punt 54), filwaqt li l-Artikolu 5(b) ta' din id-direttiva jobbliga lill-Istati Membri jieħdu debitament inkunsiderazzjoni wkoll il-ħajja tal-familja (ara, f'dan is-sens is-sentenza tal-11 ta' Marzu 2021, État belge (Ritorn tal-ġenitur ta' minuri), C-112/20, EU:C:2021:197, punt 41).

25 L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 għalhekk jipprekludi li Stat Membru jadotta deċiżjoni ta' ritorn mingħajr ma jieħu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti tal-ħajja tal-familja taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, li dan iċ-ċittadin ikun invoka sabiex jopponi għall-adozzjoni ta' tali deċiżjoni (sentenza tat-8 ta' Mejju 2018, K.A. *et* (Riunifikazzjoni tal-familja fil-Belġju), C-82/16, EU:C:2018:308, punt 104).

26 B'mod iktar preċiż, qabel ma tittieħed deċiżjoni ta' ritorn fir-rigward ta' minuri, l-Istat Membru kkonċernat għandu jevalwa b'mod ġenerali u fid-dettall is-sitwazzjoni ta' dan il-minuri, filwaqt li jieħu debitament inkunsiderazzjoni l-interessi superjuri tal-wild (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Jannar 2021, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Ritorn ta' minuri mhux akkumpanjat), C-441/19, EU:C:2021:9, punt 60).

27 Konsegwentement, l-Artikolu 5(a) u (b) tad-Direttiva 2008/115 jipprekludi ġurisprudenza nazzjonali li skontha l-obbligu li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi superjuri tal-wild u l-ħajja tal-familja tiegħu waqt l-adozzjoni ta' ordni ta' tluq mit-territorju taħt piena ta' tneħħija jitqies li jkun osservat sakemm it-tneħħija ma tkunx eżegwita.

28 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 5(a) u (b) tad-Direttiva 2008/115 għandu jiġi interpretat fis-sens li jeżiġi li l-interessi superjuri tal-wild u l-ħajja tal-familja tiegħu jkunu protetti fil-kuntest ta' proċedura li twassal għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn mogħtija fir-rigward ta' minuri, u li ma huwiex biżżejjed li dan tal-aħħar ikun jista' jinvoka dawn iż-żewġ interessi protetti fil-kuntest ta' proċedura, sussegwenti, relatata mal-eżekuzzjoni forzata tal-imsemmija deċiżjoni ta' ritorn sabiex jikseb, jekk ikun il-każ, sospensjoni ta' din l-eżekuzzjoni.

## Fuq l-ispejjeż

29 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 5(a) u (b) tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment,**

**għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

**jeżiġi li l-interessi superjuri tal-wild u l-ħajja tal-familja tiegħu jkunu protetti fil-kuntest ta' proċedura li twassal għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn mogħtija fir-rigward ta' minuri, u li ma huwiex biżżejjed li dan tal-aħħar ikun jista' jinvoka dawn iż-żewġ interessi protetti fil-kuntest ta' proċedura, sussegwenti, relatata mal-eżekuzzjoni forzata tal-imsemmija deċiżjoni ta' ritorn sabiex jikseb, jekk ikun il-każ, sospensjoni ta' din l-eżekuzzjoni.**

Firem